

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Notifika Ta' Dokumenti \(riformazzjoni\)](#) > [Notifika ta' dokumenti](#)

Notifika ta' dokumenti

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 1393/2007.

NB! Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1393/2007](#) inbidel bir-Regolament (UE) [2020/1784](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2022.

In-notifiki li saru skont ir-Regolament il-ġdid jistgħu jinstabu [hawnhekk!](#)

Informazzjoni ġenerali

[Regolament \(KE Nru 1393/2007\)](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 għandu l-għan li jtejjeb u jħaffef il-mod kif jintbagħtu l-atti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali għan-notifika bejn l-Istati Membri.

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea, inkluża d-Danimarka li kkonfermat l-intenzjoni li timplimenta l-kontenut tar-Regolament permezz ta' [dikjarazzjoni](#) bbażata fuq ftehim parallel konkluż mal-Komunità Ewropea.

Ir-Regolament jipprevedi modi differenti biex jintbagħtu d-dokumenti: jistgħu jintbagħtu permezz ta' aġenziji li jibagħtu u li jirċievu, jistgħu jintbagħtu b'mezzi konsulari jew diplomatiċi, u tista' ssir notifika bil-posta u notifika diretta.

L-Aġenziji li jibagħtu għandhom il-kompetenza li jibagħtu atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji sabiex jiġu notifikati fi Stat Membru ieħor. L-Aġenziji li jirċievu għandhom il-kompetenza li jirċievu atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji minn Stat Membru ieħor. L-entità Ċentrali hija responsabbli biex jipprovdi tagħrif lill-aġenziji li jibagħtu u biex isib soluzzjonijiet għal kull diffikultà li tista' tinqala' waqt li jkun qed jintbagħtu dokumenti għan-notifika.

Ir-Regolament jipprovdi seba' formoli.

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja jipprovdi b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-formoli.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Links relatati

[Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-renju tad-Danimarka](#) dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali

[Il-Konvenzjoni ta' l-Aja tal-15 ta' Novembru 1965](#) dwar in-Notifika f'Pajjiż Barrani ta' Atti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali

[Is-sit web ARKIVJAT tal-ATLAS Ġudizzjarju Ewropew \(magħluq fit-30 ta' Settembru 2017\)](#)

■ L-aħħar aġġornament: 01/07/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.